

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Marzu 2017 (Każ R 1326/2016-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Seven u Shenzhen Jiayz Photo Industrial.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-23 ta' Marzu 2017 (Każ R 1326/2016-1) hija annullata.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *L-EUIPO għandu jbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, tmienja minn kull għaxra tal-ispejjeż sostnuti minn Shenzhen Jiayz Photo Industrial Ltd.*
- 4) *Seven SpA għandha tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, wieħed minn kull għaxra tal-ispejjeż sostnuti minn Shenzhen Jiayz Photo Industrial Ltd.*
- 5) *Shenzhen Jiayz Photo Industrial Ltd għandha tbat wieħed minn kull għaxra tal-ispejjeż rispettivi tagħha.*

⁽¹⁾ ĠU C 239, 24.7.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 22 ta' Novembru 2018 – Fruit of the Loom vs EUIPO

(Kawża T-424/17) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ revoka — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali FRUIT — Użu ġenwin tat-trade mark — Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Awtorità ta’ res judicata — Artikolu 65(6) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 72(6) tar-Regolament 2017/1001)”

(2019/C 35/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Fruit of the Loom, Inc. (Bowling Green, Kentucky, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, u V. Marsland, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Gája u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Takko Holding GmbH (Telgte, il-Ġermanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' April 2017 (Każ R 2119/2016-4), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Takko Holding u Fruit of the Loom.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Fruit of the Loom, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 318, 25.9.2017.
